# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tnejn u ħamsin (52) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 22 ta' Ġunju, 2010, fis-6.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Mqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Charles Farrugia | Kunsillier |

1. Is-**Sindku ppresjeda** l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta** precedenti kienu meħuda bħala moqrija, sarulhom il-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri kif jidhru fuq il-kopja oriġinali, u kienu inizjalati mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv u approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti.**

3. Is-sindku qal li dwar is-***central strip* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija,** il-KLM qed jistenna appuntament mal-uffiċjali tal-Agrikultura biex naraw x'se jsir bis-siġar li hemm fil-kumplament tas-*central strip*, peress li hemm minnhom li diġà nqalgħu u tħawwlu f'Ta' Kandja. Hu aċċerta lill-kunsillieri li apparti l-qlugħ tas-siġar infushom mill-*Environmental Landscapes Consortium Ltd* (*ELC*), ix-xogħol huwa finanzjat mill-Ministeru tar-Riżorsi li hu nkarigat mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tisbieħ. Noel Galea qal li l-ġimgħa l-oħra ltaqa' mal-kumpanija *Faces Consultants* dwar il-qlugh tal-*bus shelter* eżistenti u t-twaħħil ta' ieħor aktar modern floku. Is-sindku qal li l-ispazju f'din is-*central strip* hemm biżżejjed spazju biex joqgħod l-*istage* il-ġdid li huwa ikbar minn dak li hemm fil-post, minkejja li dan irid ikollu sitt pulzieri protezzjoni bi lqugħ quddiemu biex jekk xi ħadd jipparkja fuq in-naħa ta' wara tiegħu, ma jintlaqatx. Sadanittant illum qalgħu l-kurduna tas-*central strip* bejn Triq il-Qattara u Triq l-Imterrqa. F'din il-parti l-arbuxxelli mhux se naqilgħuhom. Mal-istess lant tax-xogħol qed jitpoġġew pajpijiet għad-dawl u t-telefon. Intant il-ħaddiema qalu lis-sindku li sakemm jaħdmu huma se jkun hemm bżonn li jinqala' temporanjament il-*bus shelter* ezistenti u noqogħdu tliet ġimgħat mingħajru. Dwar dan kien hemm qbil bejniethom sabiex il-*bus-shelter* jitpoġġa fil-frattemp quddiem iċ-"Ċombos", eżattament fil-fetħa li hemm biex il-passiggieri xorta jkollhom protezzjoni mix-xemx, sa ma tasal ix-xarabank.

4. Il-**kwistjoni ta' Triq il-Fjuri** kienet diskussa fid-dettall, tant illi saret referenza għall-minuti tal-laqgħa tal-11 ta' Ġunju, 2010, li nżammet apposta mar-residenti. Dawn kienu ċirkulati mis-segretarju eżekuttiv lill-kunsillieri. Dwar dawn il-minuti kien hemm xi korrezzjonijiet li għamlu kemm is-sindku kif ukoll Nicholas Briffa. Peress li f'din il-laqgħa sfortunatament konna ħafna 'l bogħod milli jintlaħaq ftehim, jew li jsir xi forma ta' kompromess, kif fil-fatt jidher li hemm ma' residenti oħrajn li joqogħdu aktar 'l hinn f'din it-triq, intbagħtet ittra b'talba mill-ġdid lill-*Transport Malta (TM)* Direttorat tal-Immaniġjar tat-Traffiku, il-Perit Lara Demicoli bid-data tal-21 ta' Ġunju, 2010. Is-sindku qara din l-ittra li kienet ikkupjata lill-kunsillieri preżenti dak il-ħin mis-segretarju eżekuttiv, li fiha l-KLM talab li jkun deċiż minnhom eżattament xi jridu jfissru l-Familja Bondin b'talba għal estenzjoni, jekk din hija leġittima. Intant xi kunsillieri qablu illi dan ifisser li jekk it-talba tintlaqa', is-sinjal jista' jikber possibilment lejn 'il fejn kien oriġinalment, jiġifieri għal wara l-bieb tas-Sur Martin Agius.

5. Il-kunsillieri ġew infurmati li propju ftit tas-siegħat ilu beda l-ewwel **kors tal-*computer*** għall-adulti. Is-sindku qal li se jkollna nżidu klassi taż-żgħar għaliex il-probabilità hija li tiġi magħquda klassi oħra, aktar tard bejn il-5:00pm u s-7:00pm. F'dan il-punt Grace Marie Mallia semmiet it-telefonati anke repetuti li saru minn dan l-uffiċċju biex kienu avżati n-nies ħalli jiġu jħallsu kif ukoll biex l-

iskrivani jgħidulhom meta u fi x'ħin se jibda l-kors. Hawn intqal li l-informazzjoni għandha tkun komprensiva u ċara ħalli niftiehmu aħjar mal-pubbliku.

6. Issemmiet l-opportunità li se tingħata lir-raħal tagħna minn **ġurnalist Franċiż** li kien magħna għall-ġranet tal-**Festa tal-Madonna tal-Ġilju** bħalma kienu wkoll kemm in-*NET TV* kif ukoll il-*ONE Radio*. Is-sindku qal li dan il-ġurnalist se jtella' programm f'Settembru 2010 marbut fuq ħames temi fosthom il-kultura, l-edukazzjoni, il-familji antiki Maltin, kif ukoll il-festi. Minħabba din tal-aħħar hu dehrlu li għandu jagħżel l-Imqabba u ġie fostna. Dan il-fattur se jesponina fil-*media* internazzjonali fuq livell ta' nazzjon. Is-sindku qal li se jibgħatlu kopja tal-programm.

7. Il-kummenti tal-kunsillieri dwar il-fuljett ħarġa numru 2 bl-isem **"Fuq l-Għatba tal-Kunsill"** kienu kif ġej. Grace Marie Mallia ma qablitx ma' Nicholas Briffa minkejja li kienet assenti fil-laqgħa preċedenti li l-artiklu tagħha kien twil, meta komparat ma' dak tal-oħrajn speċjalment ma' dak ta' Nicholas Briffa. Filwaqt li Nicholas Briffa qal illi jidher li qisna qed nippressaw it-tielet faċċata fejn hemm l-artikli tal-kunsillieri u reġa' kellna ħafna spazju fl-aħħar faċċata x'wieħed jiddisponi minnu. Hu qal li kemm ir-riċetta, li fl-opinjoni tiegħu ftit għandha relevanza mal-operat tal-kunsill, minkejja li s-sindku qal li biha wieħed jista' jitħajjar iżomm il-ħarġa u anke jaqraha, kif ukoll l-avviżi li kienu importanti, kienu b'tipa kbira u ħadu spazju konsiderevoli, flimkien mar-ritratt tal-platt imżejjen sabih bil-kuluri li ħadu wkoll ħafna mill-ispazju tal-kumplament tar-ritratti tal-kunsill miġbura gozz, ta' daqs żgħir ħafna. Intant is-sindku qal li sat-tielet ġimgħa ta' Lulju, il-kunsillieri jridu jkunu tawna l-artikli tagħhom biex jidhru fil-ħarġa t'Awissu.

8. Il-kampanja edukattiva tal-***GreenPak Co Ltd*** fl-Imqabba ħadmet b'mod sodisfaċenti u tqassmu l-boroż il-ħodor tar-riċiklaġġ f'ħafna mid-djar. Dawn l-impjegati lebsin ilbies apposta ħallew nota f'kull waħda miċ-*circa* 650 dar li sabu vojta biex dawk li ma kienux hemm f'dak il-ħin, jiġu huma stess għall-boroż fl-uffiċċju tal-kunsill fejn għad fadlilna ż-żejda. Madankollu l-għan tal-viżita ġewwa d-djar kienet illi jindirizzaw problemi li xi wħud għad għandhom dwar ir-riċiklar tal-iskart biex ovvjament nestendu l-eżerċizzju fost dawk li għadhom xettiċi mill-ġid li jistgħu jagħmlu lill-ambjent. Intant permezz ta' dawn l-impjegati ta' *Greenpak Co Ltd*, daħlu xi lmenti dwar it-tindif in ġenerali anke saħansitra fuq il-kollettur tal-iskart għaliex dawn jidhrilhom li l-vettura tiegħu mhix nadifa biżżejjed biex tiġbor l-iskart separat.

9. Illum tqaddset il-**Quddiesa** flok dik li normalment f'lokalitajiet oħra titqaddes il-Ħadd f'Jum il-Missier, **b'dedika għall-memorji tal-missirijiet li ħallew din id-dinja**. Dwar il-bukkett tal-fjuri li normalment jitpoġġa fiċ-ċimiterju, is-sindku informa lill-Kunsill Lokali Mqabba li l-kappillan ma xtaqx aktar li fuqu jkun hemm imniżżel il-kelmiet "Kunsill Lokali Mqabba" peress li dan jitpoġġa quddiem l-artal. Min-naħa tagħna, minkejja li ma narawx li hemm xi disprezz jew li din il-kitba mhix addattata, nirrispettaw l-opinjoni tal-kappillan u mhux se nagħmlu iżjed dawn il-kelmiet.

**AĠENDA**

10. Il-KLM analizza l-**andament tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju**. Hawn intqal illi t-trasport mexa tajjeb mir-rotot ġodda għal din is-sena, peress li konna affettwati mill-għeluq ta' Triq Valletta Żurrieq u għalhekk kellna nidderieġu t-trasport minn Ħal Kirkop. Is-sindku qal li huwa u Paul Spiteri waħħlu t-tabelli temporanji tad-devjazzjonijiet u tan-*no-parking* is-Sibt filgħodu, fosthom fi Triq Ħal Kirkop. Min-naħa tagħna attendejna bħala KLM kemm għall-Quddiesa tal-Paniġierku, kemm għall-kunċerti, kif ukoll għad-*drink* tal-bandisti u d-*drink* /laqgħa għal tal-kumitat. Tpoġġew il-fjuri quddiem l-istatwa u dawn kellhom il-*logo* tal-kunsill bħalma jagħmlu b'mod uniformi għall-kumplament tal-bukketti li jsiru mill-għaqdiet u individwi.

11. Is-sindku qal li sfortunatament din is-sena ġew użati aktar **barikati tal-pulizija.** Tant li kellu jiġi kkuntattjat l-ispettur, għax biex isiru d-devjazzjonijiet, il-KLM kellu bżonn tlieta u għoxrin barikata. Peress li jidher li kien hemm xi barikati li ġew użati biex jipproteġu l-armar tal-festa stess, is-sindku kellu jgħamel kuntatt mas-segretarju tal-każin biex il-barikati li kelna bżonn għas-sistema ta' devjazzjoni jitpoġġew fejn miftihem.

12. Kellna rispons kbir għall-**permessi tal-kabbani**, minkejja l-problemi tagħhom, tant li kellna tnax-il applikazzjoni oħra li kollha kellhom jiġu rifjutati. Dan sabiex akkomodajna lil dawk li jbiegħu il-

ġugarelli u l-ikel, li fis-snin l-imgħoddija kienu jarmaw f'Misraħ il-Fidwa u fi-Triq 9ta' April u din is-sena allokajnihom fil-*by-pass*. F'dan il-punt is-segretarju eżekuttiv qal li minkejja li kien hemm l-għajta li mhux se jkunu tollerati nies inqas minn tletin metru 'il bogħod min-nar, fosthom dak tal-art fi Triq Karmenu Ciantar, il-pulizija dehrilha li din is-sena seta' jibqa' jintrama hemm viċin il-kabbani. Dan ippreġudika każijiet oħra, anke billi fil-Festa ta' Santa Marija jintrema n-nar tal-art fi Triq il-Madonna tal-Ġilju li hu distanti mir-residenti ftit piedi. Madankollu jekk is-sena li ġejja il-KLM se jkollu jsib post alternattiv għal dawk il-kabbani viċin in-nar tal-art, allura se jkollna problema ta' spazju. Din is-sena għall-ewwel darba, fuq insistenza tas-SMMTĠ, kienet iffirmata dikjarazzjoni biex il-kumitat ċentrali tal-każin jiġu eżentati mir-responsabbiltà f'każ ta' aċċident *vis a vis* l-assikurazzjoni tal-kabbani. Dan sar billi s-sidien tal-kabbani iddikjaraw li qed ikunu responsabbli għall-kabbana f'każ li din jiġrilha l-ħsara sempliċiment billi iddikjaraw jekk humiex lesti li jiċċaqilqu waqt il-ħruq tal-irdieden jew inkella jibqgħu hemm jerfgħu r-responsabbiltà kollha huma. Paul Spiteri qal li tas-sanità ħarrku xi tmien sidien tal-kabbani minħabba li ma laħqux mal-*istandards* tal-iġjene, xi ħaġa li ma niftakrux li ġrat qabel u li biha kienu sorpriżi s-sidien tal-kabbani stess.

13. L-**ambulanza tar-*Red Cross*** kienet *stand by* fi Triq il-Qattara minkejja li ma kellna l-ebda inċidenti, almenu dawk li nafu bihom minkejja l-folla kbira speċjalment lejlet il-festa.

14. It-**tindif tat-toroq** mill-iskart sar b'mod tajjeb ħafna mill-kuntrattur tal-KLM, Joe Zammit u intużaw ir-reċipjenti tal-iskart provduti minn *Green Pak Co Ltd.*

15. Il-KLM approva l-istima biex jitnaqqxu l-ismijiet fuq pjanċa ta' dawk is-sinjuri li kienu ħadu **Ġieh l-Imqabba** fil-passat. Fuq din il-pjanċa se jitniżżlu l-ismijiet ta' dawk li ħadu Ġieħ l-Imqabba fl-2009, jiġifieri Teddy Farrugia u ta' Mark Bondin ukoll. Dwar is-serata ta' Ġieħ l-Imqabba s-sindku qal li rridu niddeċiedu x'se nagħmlu ħalli naħsbu għal dan l-avveniment u l-involviment tal-każini tal-banda f'dak kollu li jappartjeni mas-serata u l-kunċert strumentali/vokali.

16. Minkejja li ma kienux aċċettati minn ħafna residenti l-**linji (*road marking*) kontinwi fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija** li tpenġiet qabel il-festa minn *Transport Malta (TM)* fejn qed tabolixxi ħafna mir-*right hand turns* għal skop ta' *safety*, il-KLM għamel it-talba lill-awtorità biex teħel *speed camera* f'din it-triq, minħabba sewqan esaġerat. Intant se naraw jekk hux possibbli li *TM* iwaħħlu *pellican crossing* flok iż-*zebra crossing* li hemm fl-istess triq ħalli inżidu aktar is-sigurtà.

17. Dwar **Triq tas-Sejba** intqal illi *TM* qed tistudja s-soluzzjonijiet għal din it-triq. Is-sindku qal li l-immaniġjar se jagħmluh il-KOPTASIN billi jsiru barikati mal-barrieri, *road markings*, *cats' eyes* eċċ.

18. B'riferenza għall-**mawra t'Għawdex,** Grace Marie Mallia qalet illi f'każijiet fejn ikunu se jattendu l-kunsillieri f'ħarġiet simili, ma jkunx hemm għalfejn jinqalgħu tnejn mill-uffiċċju. Dan minkejja li s-segretarju eżekuttiv baqa' jaqdi n-nies mill-*front office* dak in-nhar u m'għalaqniex. Hija semmiet l-inċident li nqala' fejn l-istess impjegati naqsu li jġibu magħhom il-fotokopji li kienu ħadu tal-kartanzjani tal-grupp. Dwar il-biljetti nieqsa, is-sindku qal li xi ħadd ħa biljett u ma kienx eliġibbli għalih, peress li dawn inqatgħu minn Għawdex fl-aħħar ħin.

19. Mal-kumplament tal-aġenda kienet ittrattata **l-ittra tal-Każin ta' Santa Marija**, fejn dawn qed jitolbu li jispustjaw in-nar tal-art għall-*by-pass*. Is-sindku qal li dawn qed jitolbu li jħaffru toqob ġodda fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija bejn Triq in-Nazzarenu u Triq il-Katakombi. Huma jridu li dawn it-toqob jitħaffru f'nofs it-triq biex jeliminaw in-nar minn Triq il-Madonna tal-Ġilju minħabba t-tletin metru *recess* imsemmija f'dawn il-minuti. Dan se jaffettwa l-immaniġġjar tat-traffiku lejlet u nhar il-festa, minkejja li n-nar jinħaraq sa mit-tieni tridu (tlett ijiem), u t-triq ikun jinħtieġ li tibqa' magħluqa il-ġranet kollha; biex jilħqu jimmuntawh. Ir-raġunijiet li ġabu l-każin kienu illi meta t-*TM* għamlet dan l-aħħar l-*extensive patching,* ingħalqet il-karreġġjata għal waqtiet twal, filwaqt li l-vetturi baqgħu għaddejjin mis-*service road*. Li ma ssemmiex kien li kien hemm il-gwardjani lokali l-ħin kollu. Il-KLM iħoss li għar-residenti ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, se noħolqulhom problemi ġodda. Is-sindku qal li jekk il-permess jiġi aċċettat mill-awtoritajiet, it-toqob mhux se nagħmluhom għas-spiża tagħna minħabba l-kuntratt li kien iffirmat bejn il-KLM u l-każini tal-banda

propju sena ilu. Issemma wkoll li meta l-Każin tal-Madonna tal-Ġilju ħarqu n-nar tal-art minn Triq il-Madonna tal-Ġilju, il-KLM lanqas kien infurmat b'xejn, peress illi dan il-permess joħroġ mill-puluzija. Din is-sena reġgħet saret repetizzjoni. Intant jekk jingħataw il-permessi mill-awtoritajiet, ikun jinħtieġ li l-kuntrattur li se jħaffer it-toqob jagħmel il-permess tat-*trenching* għaliex minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għaddejjin mejnijiet kbar tal-ilma u xbieki ta' *high tensions* tal-elettriku kif ukoll tat-telefonija. Jekk jingħata dan il-permess, qed ikun suġġerit li jkun hemm djalogu mas-SMMTĠ biex jekk ikun il-każ dawn it-toqob jintużaw minnhom ukoll u mhux inħallu t-toroq tagħna kollha mimlija toqob bla bżonn. Il-KLM m'għandu l-ebda ġurisidizzjoni dwar jekk jingħatax il-permess jew le, madankollu xorta waħda għandu funzjoni konsultattiva (mhux deċiżiva) fi triq li ma taqgħax taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għax hija arterjali. Hawn intqal illi r-residenti se jiġu affettwati direttament għax dawn se jiġu affaċċjati b'nar tal-art li sal-lum ma kellhomx quddiemhom. Il-kunsillieri sostnew illi biex jinħaraq in-nar trid tingħalaq it-triq għal erbat ijiem sħaħ bil-konsegwenza li t-toroq sekondarji bħal Triq Dun Ġerald Mangion, Triq Ħal Kirkop, Triq in-Nazzarenu u Triq il-Katakombi se jiġu mgħobbija bit-traffiku tqil ta' trakkijiet. Skond il-kuntratt diġà ffirmat bejn il-kazini, it-toqob għandhom isiru mil-kazini bl-għotjien tagħhom *heavy duty* u konkos rinfurzat. Il-KLM qed jitlob ukoll illi jekk isiru t-toqob fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, għandhom jingħalqu t-toqob ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju. Il-KLM saħaq fuq il-kollaborazzjoni li għandu jkun hemm mal-każin l-ieħor f'każ li *TM* ma ssibx oġġezzjoni għal dan il-permess. Għaldaqstant inħeġġu sabiex jiddiskutu mal-Każin tal-Madonna tal-Ġilju ħalli jintużaw l-istess toqob f'kas li s-soċjetà tiddeċidi li jinżlu fil- by-pass u jinqasmu l-ispejjeż. Preokkupazzjoni oħra li ssemmiet hija hekk kif jispiċċa n-nar tal-ajru u jiġi biex jibda jinħaraq in-nar tal-art. Dan se jaffettwa s-sistema tat-traffiku li qed tintuża bħal issa, għaliex dawk li kienu qed jaraw in-nar tal-ajru ħa jimxu lejn il-Qrendi u jimblukkaw ir-rotot tal-ħruġ mill-Imqabba viċin Triq in-Nazzarenu.

20. Ġew approvati l-***payment approval sheets*** numru 381 u 382. Hawn sar kumment minn Marie Grace Mallia dwar il-kontijiet li waslu tas-*C&G Hardware Store*. Dawn jixtru minn għandu l-ħaddiema tal-*IPSL*, il-materjal li jkollhom bżonn.

21. F'punti oħra ssemmiet il-barranija li se tgħin fl-uffiċċju tal-kunsill wara talba li offritilna kumpanija Maltija li ġġib dawn l-istudenti jaħdmu Malta fis-Sajf. Din se tibda mill-1 ta' Lulju, 2010.

22. **Grace Marie Mallia talbet kopja ta' ittra** li għamel bħala oġġezzjoni l-KLM dwar il-linji kontinwi (*continuous white line*) ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija wara li *TM* pinġewhom għall-ewwel darba matul dan ix-xahar u ħolqu ftit diżgwit mal-pubbliku.

23. Is-Sindku semma l-**istudenti** li matul din is-sena se jkunu **ggradwaw mill-Università** ta' Malta biex possibilment jekk ikollna l-lista minħabba l-protezzjoni tad-data, nirrikonoxxuhom f'Jum l-Imqabba 2010.

24. Il-**laqgħa ntemmet** fit-8:15pm u se tinżamm dik li jmiss nhar is-6 ta' Lulju 2010 fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*06 /07 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |